**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-06 ta' Ottubru, 2020**

**Talba numru: 405/2018 AM**

**Numru fuq il-Lista: 28.**

**GO plc (C-22334)**

**Triq Fra Diegu**

**Marsa**

**Vs**

**Emanuel Bianchi (K.I. 287983 (M) )**

**107, Daisy Court Flat 28**

**Triq J. Quintinus,**

**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici prezentat fis-27 ta' Awwissu 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u tmienja u hamsin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,158.27c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40599432.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data tal-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament imsejjah baqa' ma deherx ghas-seduta u lanqas kkontesta t-talbiet attrici.

Ra s-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ra li l-konvenut rega ma deherx ghas-seduta tal-lum.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija tmienja u hamsin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,158.27c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali numru 2216/17 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2216/17 a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**